DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Diċembru 2016

dwar il-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tad-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 94(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-referenza għall-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għal isem fis-settur tal-inbid

(Darnibole (DOP))

(2016/C 457/03)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 97(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Renju Unit applika għall-protezzjoni tal-isem "Darnibole" skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 dwar il-protezzjoni tad-dežinjazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi fis-settur tal-inbid. B'konformità mal-Artikolu 97(2) ta' dak ir-Regolament, l-applikazzjoni tar-Renju Unit ġiet eżaminata mill-Kummissjoni.

(2) Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 93 sa 96, l-Artikolu 97(1), u l-Artikoli 100 sa 102 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 huma sodisfatti.

(3) Sabiex tkun tista' ssir il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandu għalhekk jippubblika d-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 94(1)(d) ta' dak ir-Regolament u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott magħmula matul il-proċedura nazzjonali preliminari għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni tal-isem "Darnibole",

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Id-dokument uniku msemmi fl-Artikolu 94(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u r-referenza tal-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott għall-isem "Darnibole" (DOP) huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-pubblikazzjoni ta' din id-deċiżjoni tikkonferixxi l-eċċezzjoni tal-eskussjoni għall-protezzjoni tal-isem speċifikat fl-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2016.

Għall-Kummissjoni

Phil HOGAN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

ANNESS

DOKUMENT UNIKU

1. **Isem/ismijiet li għandhom jiġu rreġistrati**

   Darnibole

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

   DOP - Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

   1. Inbid

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

   Likwidu ċar, brillanti u pur, ta' kulur ħafif, bajdani ħafna, bi ħjiel ta' lewn ta' lumi/ħadrani hekk kif tagħtih tidwira fit-tazza. Pur u frisk, aroma ta' intensità medja b'espressjon tal-varjetà tal-għenba Bacchus, kwalità minerali, kważi fumigata. Bacchus xott ħafna, assolutament pur, bi ħjiel ta' bżar abjad fl-aħħar. Barra minn hekk, għandu dawn kollha li ġejjin jew uħud minnhom:

   Frisk b'espressjoni ta' minerali li tlesti l-palat għal ħjiel ta' tuffieħ jew ta' ribes li jibda fuq quddiem u jippersisti sal-aħħar. Xi minn daqqiet, fl-aħħar jitfaċċa ħjiel ta' ħawħ abjad u kumkwat u ħjiel ta' ħaxix frisk. Fih inqas togħmiet ovvji ta' frott u huwa aktar minerali minn varjetajiet oħrajn ta' Bacchus.

   Karatteristiki analitiċi ġenerali

Qawwa alkoħolika totali massima (f'% ta' volum)	15
Qawwa alkoħolika attwali minima (f'% ta' volum)	10
Aċidità totali minima	sitta (6) fi grammi għal kull litru espressa bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	18
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	150

5. **Metodi tal-produzzjoni tal-inbid**

   a. *Prattiki enoloġiċi essenzjali*

   Metodi Enoloġiċi Speċifiċi

   Metodi enoloġiċi speċifiċi:

   — Sistema ta' ċineg trasportaturi li tippermetti għażla ta' għeneb ta' kwalità.

   — Pressjoni pnewmatika tal-għasir massima ta' 1,5 bar.

   — Fermentazzjoni bierda b'temperatura ta' 16 °C u dik massima ta' 18 °C.

   — Id-Darnibole jrid isir fil-fabbrika tal-inbid biswit, f'Camel Valley.

   Ebda prodott mill-annimali ma jista' jintuża għal xi parti tal-proċessi, pereżempju, l-ebda ġelatina.

   Restrizzjonijiet rilevanti dwar il-produzzjoni tal-inbid:

   Jinqata' bl-idejn; it-tisħiq irid jibda fi żmien sagħtejn (2) mit-tlestija tal-qtugħ; jinsaħaq bir-rombli; l-għasir pnewmatiku bil-bużżieqa; sedimentazzjoni kiesħa b'temperatura ta' 4 °C; tiswib ħafif, ħmira aromatika, fermentazzjoni kiesħa b'temperatura ta' 16 °C, tiswib bi Gravità Speċifika ta' 1000, fermentazzjoni totali, irfinar, ebda prodotti mill-annimali, stabilità ta' proteina u tartrat, tisfija sterili, analiżi ta' qabel l-ibbottiljar, ibbottiljar b'tapp bil-kamin. Reġistrar bir-reqqa tal-proċessi kollha.

   Prattika kulturali:

   Sistema ta' żabra bl-idejn Guyot, singola jew doppja. Żbir bl-idejn kif xieraq, tirqim tal-ħajt tal-weraq tad-dielja u tneħħija tal-għeniqed ta' frott/weraq kif xieraq. Qtugħ bl-idejn, għażla tal-frott ta' kwalità.

b. *Ħsad massimu*

Tunnellati u ettolitri:

8 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

6. **Żona demarkata**

Iż-żona kollha ta' 5 ettari, demarkata bħala Darnibole, tinsab fuq żona ta' saff antik ta' lavanja ta' taħt il-ħamrija li fil-Punent tagħha tmiss ma' żona totalment differenti ta' ħamrija ta' ramel alluvjali (il-qiegħ antik tax-xmara River Camel) u fil-Lvant l-art issir aktar ċatta u tipprovdi inklinazzjoni mhux daqstant wieqfa u dan l-aspett jiffaċċja wkoll kemxejn fil-Lvant tan-Nofsinhar. Fin-nofsinhar, iż-żona tad-Darnibole għal darb'oħra tmiss mal-ħamrija antika ta' qiegħ ix-xmara River Camel filwaqt li fit-Tramuntana, l-art hija 'l fuq mill-faxxa termali ottimali. Il-ferrovija li m'għadhiex tintuża (li saret il-Camel Trail) tiddemarka l-konfini tan-Nofsinhar. Darnibole huwa l-isem antik ta' Delabole, barriera tal-lavanja fil-qrib.

7. **Għeneb tal-inbid ewlieni**

Bacchus

8. **Deskrizzjoni tal-rabta/rabtiet**

Iż-żona Darnibole tinsab eżattament fin-nofs ta' Cornwall. Iż-żona għandha kwantità ideali ta' xita u Darnibole tinsab direttament fl-iktar faxxa termali sħuna ta' Camel Valley. Iż-żona kollha ta' 5 ettari demarkata bħala Darnibole tinsab fuq żona ta' ħamrija antika tal-Perjodu Devonjan u saff antik ta' lavanja ta' taħt il-ħamrija. Is-saffi antiki ta' lavanja ta' taħt il-ħamrija huma magħrufa mad-dinja kollha, b'mod partikolari fil-Ġermanja, minħabba l-effett benefiku tagħhom fuq il-produzzjoni tal-għeneb u l-kwalità tal-inbid. Il-ħsad massimu huwa riżultat tal-esperjenza. L-intensità distintiva, l-aroma, il-konsistenza fil-ħalq u t-togħma fina huma riżultat ta' staġun twil ta' tkabbir b'temperatura massima tas-sajf ta' inqas mill-medja, li tagħti kwalità minerali, fina u mrażżna u karatteristtika ta' tuffieħ jew ta' ribes.

9. **Kundizzjonijiet essenzjali oħra**

Qafas ġuridiku:

Fil-leġiżlazzjoni tal-UE

Tip ta' kundizzjoni supplimentari:

L-ippakkjar isir fiż-żona demarkata

Deskrizzjoni tal-kundizzjoni:

Ma japplikaw ebda restrizzjonijiet fuq l-ibbottiljar

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://www.gov.uk/government/uploads/system/uploads/attachment_data/file/82477/darnibole-specification.pdf